**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-3 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 372/11AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li giepprezentat fl-4 ta' April, 2018 li permezz tieghu talbet is-segwenti:-

Illi f'dina l-kawza l-esponenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti l-ottjeniment tas-separazzjoni personali minn mal-konvenut B.

Illi l–partijiet ser ikunu qed jirregolaw l-aspetti kollha tas-separazzjoni taghhom stante li fil-jiem li gejjin sejrin jintavolaw minuta sabiex ikun awtorizzat abbozz ta' kuntratt li fil-prezent qieghed jigi finalizzat.

Illi l-esponenti tixtieq illi t-talba ghas-separazzjoni titqies minn din l-Onorabbli Qorti bhala talba ghal divorzju.

Illi b'referenza ghall-artikolu 66B tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti tikkonferma s-segwenti:

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separatin ghal aktar minn erba' snin, huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi in oltre m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u lanqas ma hemm manteniment pagabbli ghat-trobbija tal-ulied.

Illi qed tigi annessa ma' dan ir-rikors nota skond l-Artikolu 66G (2) (a) tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta (immarkata DOK A).

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:-

1. Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors odjern bi zmien utli ghar-risposta tieghu.
2. Illi bis-sahha tal-prezenti l-esponent effettivament jikkonferma illi ma hemm l-ebda impediment legali ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg u li l-partijiet illum jissodisfaw l-kriterji kollha elenkati fl-artikolu 66 B tal-Kapitolu XVI tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi ghalhekk, l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet hekk kif dedotti.

Rat li r-rikorrenti kienet ipprezentat kawza ta' separazzjoni personali kontra l-intimat fl-20 ta' Dicembru, 2011, liema kawza giet ceduta permezz ta' nota ta' cessjoni pprezentata fl-20 ta' Gunju, 2018, stante li waslu ghal separazzjoni konsenswali datat 6 ta' Gunju, 2018, li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Haber.

Rat li l-kawza ta' separazzjoni kienet giet konvertita f'divorzju, wara l-Qorti rat ir-rikors mertu tal-vertenza odjerna.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota pprezentata ai termini tal-Artikolu 66G (2) (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erba' snin u dan meta biss biss il-kawza ilha li giet pprezentata mill-20 ta' Dicembru, 2011 u sseparaw legalment fis-6 ta' Gunju, 2018 b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Vella Haber. Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qortitaqta' u tiddeciedi din il-kawzabilli:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijietai termini tal-Artikolu 66 (a) , wara li gewsoddisfatti r-rekwizitital-Artikolu 66B tal-Kap.16tal-Ligijiet ta' Maltau tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem mil lum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**